**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**L-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**Vs**

**Hassan Ibrahim**

**Illum 16 ta' Settembru 2021**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Hassan Ibrahim ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, imwieled Ad Dinder fil-25 ta' Jannar 1998, ta' nazzjonalità Sudaniza, residenti Hal-Far u detentur tan-numru tal-Pulizija 19OO-047, talli fis-16 ta' Settembru 2021 u/jew fix-xhur ta' qabel f'dawn il-gzejjer ta' Malta:-

1. Kellu fil-pussess tieghu dokumenti mahruga minn Awtorità kompetenti cioè passaport, ittrasferixxa dan id-dokument lil persuna ohra jew ircieva dokument li gie trasferit lilu minn persuna ohra u dan bi ksur ta' l-Artikolu 3 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel uzu jew ittanta jaghmel uzu minn dokument mahrug lil persuna ohra, cioè dak digà imsemmi u dan bi ksur ta' l-Artikolu 4 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ta prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni u dan bi ksur ta' l-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Kif ukoll talli ffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'Passaport, Karta ta' l-Identità u Permess ghar-Residenza jew uza jew kellu fil-pusses tieghu xi Passaport, Karta ta' l-Identit uà Permess ghar-Residenza li hu kien jaf

li gew iffalsifikati, mibdula jew sar xi tibdil fihom u dan bi ksur ta' l-Artikolu 5 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Kif ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija u dan bi ksur ta' l-Artikolu 189 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Kif ukoll talli rrenda ruhu ricediv u talli kiser kundizzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippresjeduta mill-Magistrat Yana Micallef Stafrace datata 22 ta’ Novembru 2020;

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Prosekuzzjoni: (i) Dikjarazzjoni ta’ rifjut ta’ l-imputat ghall-jedd tal-parir legali - Dok. “A”; (ii) Stqarrija rilaxxata mill-imputat - Dok. “B”; (iii) Il-*personal details form* ta’ l-imputat - Dok. “C”; (iv) Fotokopja tad-dokumenti mertu ta’ dawn il-proceduri li nstabu fil-pussess ta’ l-imputat - Dok. “D”; (v) Id-dokumenti mertu ta’ dawn il-proceduri li nstabu fil-pussess ta’ l-imputat - Dok. “E”; u (vi) Il-Fedina Penali ta’ l-imputat - Dok. “F”;

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Semghat is-sottomissjonijiet dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat talli fis-16 ta’ Settembru 2021 u/jew fix-xhur ta’ qabel f’dawn il-gzejjer ta’ Malta:- (1) Kellu fil-pussess tieghu dokumenti mahruga minn Awtorità kompetenti cioè passaport, ittrasferixxa dan id-dokument lil persuna ohra jew ircieva dokument li gie trasferit lilu minn persuna ohra u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 3 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta’ Malta; (2) U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel uzu jew ittanta jaghmel uzu minn dokument mahrug lil persuna ohra, cioè dak digà imsemmi u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 4 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta’ Malta; (3) U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ta prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta’ fatti foloz lill-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta’ Malta; (4) Kif ukoll talli ffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f’Passaport, Karta ta’ l-Identità u Permess ghar-Residenza jew uza jew kellu fil-pusses tieghu xi Passaport, Karta ta’ l-Identit uà Permess ghar-Residenza li hu kien jaf li gew iffalsifikati, mibdula jew sar xi tibdil fihom u dan bi ksur ta' l-Artikolu 5 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta' Malta; (5) Kif ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija u dan bi ksur ta' l-Artikolu 189 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; (6)

Kif ukoll talli rrenda ruhu ricediv u talli kiser kundizzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippresjeduta mill-Magistrat Yana Micallef Stafrace datata 22 ta' Novembru 2020.

L-imputat iddikjara li huwa hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ssibu hati ta' l-imputazzjonijiet hekk dedotti kontrih.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li kkoopera mal-Pulizija, izda hadet in konsiderazzjoni wkoll in-natura gravi tar-reati addebitati lill-imputat.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 3, 4 u 5 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 49, 50 u 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu, tikkundannah ghal disa' (9) xhur prigunerija effettiva.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**